Minuti tal-Laqgħa Nru38 (Tmienja u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali  nhar it-Tlieta, 2 t' Awwissu, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| **Skużat:** | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Is-Sur Joseph Azzopardi kien skużat mil-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 SSTP – Is-Sindku qal li sar meeting f'Kastilja fejn għalih kien hemm preżenti is-Sur Charles Brincat, l-Ing. Stefan Cachia u s-Sur Micallef għall-Water Services Corporation, is-Sur Sandro Craus (Head Customer Care OPM) u s-Sur Joe Abdilla għall-Ministeru u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. F' din il-laqgħa il-WSC spjegaw kif jaħdem l-impjant u

x'inhuma l-affarijiet li qed jikkawzaw l-irwejjaħ. Is-Sur Craus fehem li l-problema ġejja mir-rimi tal-farms u fabbriki ġod-drenagg u għalhekk ser isejjah laqgħa bejn il-Ministri konċernati sabiex tittieħed deċiżjoni mil-aktar fis.
Tal-Farms diġa għandhom fejn jarmu li hu speċifikat mil-Ministeru pero mhux biżżejjed għaliex mhux kapaċi li jesa l-iskart tagħhom kollu u apparti hekk ir-raħħala għandhom l-ispiża li iridu jieħdu l-iskart huma.

Għalhekk b'din il-laqgħa li ser tiġi organizzata ser issir pressjoni sabiex tinstab soluzzjoni. Apparti hekk il-WSC ikkonfermat li ix-xogħol tal-*landscaping* għandu jibda minn Settembru 2016 u mahsub li jitlesta f' Marzu 2017.

Aktar aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

3.2 Sports Complex – Is-Sindku qal li kellna laqgħa bejn il-kuntrattur Schembru Barbros, il-Perit Charles Buhagiar u l-Kunsill fejn f'liema laqgħa ġie diskuss ix-xogħol li jmiss fuq dan il-*hall*. Il-Kunsill ser ikompli il-*hall* hekk kif appena ikollna il-kuntratt iffirmat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-fondi tal-Progetti Kapitali.

Is-Sindku qal li il-Kunsill għandu wkoll Urban Improvement Funds a dispożizzjoni li bħalissa qed jammontaw għal €16,000. Il-Kunsill qabel li b'dawn il-fondi jista jsir ir-railing ta' madwar il-Proġett pero l-unika ħaġa li qed iżżommna hija il-pajpiijiet li talbuna nagħmlu l-Enemalta madwar il-proġett kollu biex –il quddiem jistgħu jintużaw minnhom. Il-Kunsill qiegħed iħoss li din il-kundizzjoni fil-permess tal-MEPA titfa lil Kunsill f' aktar spejjeż bla bżonn għaliex il-cables tal-Enemalta diġa mgħoddijin fit-Triq. Għalhekk il-Kunsill ser jitlob laqgħa mal-Enemalta sabiex din il-kundizzjoni tiġi riveduta.

Is-Sur Valvo kompla u qal li bħala Kunsill għandna wkoll imwiegħda l-ammont ta' €3,500 mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo.

3.3 Is-Sindku qal li nhar l-20 ta' Lulju kellna laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali il-ġdid is-Sur Adrian Mifsud fejn ġie diskuss l-iżbilanċ li il-Kunsill qiegħed ikollu ta' kull sena. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti id-Direttur Adrian Mifsud, L-Assistent Direttur is-Sur Silvio Frendo, u s-Senior Monitoring Officer is-Sur Christopher Galea għad-Dipartiment u is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill tax-Xgħajra.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Il-Kunsill ipprezenta ir-rapport tal-finanzi fejn id-Dipartiment fehem il-pożizzjoni tal-Kunsill u il-problemi li qed jiffaċċja u fejn jidher car li l-Kunsill tax Xghajra qieghed ikollu nuqqas ta' fondi attwali u kurrenti ta' madwar €30,000 fis-sena. Għalhekk id-Direttur wiegħed li ser jagħmel minn kollox biex din il-problema tiġi indirizzata.

3.4 Gal Xlokk – Is-Sindku qal li attenda għal laqgħa fil-Qrendi. Is-Sur Valvo f' din il-laqgħa staqsa fuq liema proġetti nistgħu napplikaw u kemm hemm fondi. Il-Proġetti jistgħu ikunu ta' tisbieħ ta' ġonna u parks u il-fondi allokati għas-South huwa ta' €1.3M u kull applikazzjoni jkolla bzonn pre finance obligation ta' 20% tas-somma mitluba. Meta is-sur Valvo ipprotesta li din il-kundizzjoni t'elemina il-kapaċita tal-Kunsill tax-Xgħajra, hu ġie avżat li hemm skema ta' "co-financing" għal dan il-każ bħal tax-Xgħajra. Għandna nirċievu aktar dettalji fuq din il-ħaġa.

.3.5 Xogħol mid-Dipartiment tad-tindif– Rigward il-Cameras li tkellimna dwarhom fil-laqgħa mad-Direttur is-Sur Ramon Deguara s'issa m'hemmx aġġornament.

3.6 Camera Green Pak – Is-Sindku qal li il-camera hija ċara ħafna u jidru number plates. Il-Kunsill qabel li kull min jinqabad nirrapurtawh lil Police- Liasing Officer tal-Kunsill is-Sur Stephen Camilleri. Il-Kunsill qabel li min jinqabad jingħata warning u jekk jerġa jinqabad tinħariġlu ċitazzjoni li tlaħħaq €2,300.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Laqgħa ma' tal-Catalan Restaurant għadha mhux fissa u qed nistennew jikkonfermawlna data.

4.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mil-MEPA fuq parapetti f' Dawret ix-Xatt u is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-Appell fil-MEPA. F'din il-laqgħa deru l-appellanti mal-Periti tagħhom. Il-Kunsill qiegħed jitlob biex ikollu kopja tal-Minuti ta' din il-laqgħa.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti gew awtorizzati b' 4 voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Il-Kunsill kellu laqgħa mal-Kuntrattur tal-Iskart u Knis, WM Environmental Ltd. Il-Kuntrattur wiegħed li ser jinbidlu l-iskips kollha u jsiru ġodda u bil-pidala u għatu. Dawn l-iskips għandhom jinbidlu sat-8 t' Awwissu.
Il-ġbir tal-iskart madwar ix-Xgħajra kollha beda jsir bieb bieb apparti ix-Xatt u sqaq San Lawrenz fejn għad hemm l-iskips.

6.2 Ambaxxatrici taż-Żgħażagħ – Il-Kunsill ser jinnomina persuna għal-laqgħa li jmiss.

6.3 Korsijiet tal-Kompjuter – Il-Korsijiet tal-kompjuter bdew u sejrin tajjeb. Hemm madwar 12 -il tifel u tifla li qed jippartecipaw. Hemm ukoll min hu interessat li jkompli it-tieni kors li jekk ikollna konkorrenza tajba jista jsir ix-Xgħajra wkoll.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Talent Show tas-Sajf – Il-Kunsill qabel li jsir talent show f'Awwissu. Dan ser isir bl-inqas spejjeż possibbli u l-artisti ser jipparteċipaw mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel li jiffinanzja l-ispejjeż tas-sound u light. Il-Kunsill qabel li jordna plakka ta' rikonoxximent biex tiġi ppreżentata lil Lisa-Marie Tabone għas suċċess li kisbet fil-Junior Eurovision Song Contest f' Malta.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Europe for Citizenship – Rigward dan il-Proġett il-Kunsill ħareġ il-kwotazzjonijiet fuq il-gazzetti tal-akkomodazzjoni. Il-Kunsill qed ifassal il-programm tal-attivitajiet u importanti li l-Kunsilliera kollha jipparteċipaw f'dan il-progett. Għalhekk kull min għandu xi suġġerimenti jista jgħaddihom li Segretarju Eżekuttiv.

8.2 Malta International Air Show – Is-Sindku informa lill-Kunsill li din is-sena il-Malta International Air Show ser isir quddiem Smart City nhar l-24 u 25 ta' Settembru u għalhekk ser ikun viżibbli sewwa mix-Xgħajra kollha. Dan l-Airshow ser iġib miegħu fluss qawwi ta' karozzi u qed naraw li tkun l-inqas inkonvenjent possibli għar residenti tax-Xgħajra. Aktar dettalji ser jingħataw fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

8.3 Il-Kunsill qiegħed ikollu diversi ilmenti ta' residenti minħabba l-problema tal-ġrieden madwar ix-Xgħajra kollha speċjalment max-Xatt, fi Triq l-Ispnott u Triq Karmelo Ritchie. Dan l-ilment ser nerġgħu ngħadduh lid-Dipartiment tal-Pest Control sabiex tittieħed azzjoni immedjata.

8.4 Il-Kunsill qabel li jsiru lampi tat-toroq ġodda fi Sqaq Qaċċawiet u fi Triq l-Ispnott k/m Triq il-Fabbriki.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm

Aġġornament għat-Tlieta, 13ta' Settembru, 2016 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt